TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 990

KAZ NRU. 1218

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Mark Doneo
u
Office Electronics Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 23 ta' Novembru 1998

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 12 ta' Frar 1998 b'referenza MHS/TI/17/98 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm seba' seduti.

Mark Doneo, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Martin Fenech u Office Electronics Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rappresentata minn Ramon Micallef assistit mill-Avukat Franco B. Vassallo.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant jghid li tkecca minghajr raguni valida. Kien intalab jiffirma karta li telaq minn jeddu u qalulu li dan kien jidher ahjar ghall-"image" tieghu. Meta rrifjuta jiffirma ma nghatax il-flus dovuti lilu u dawn thallsu aktar minn tlett gimghat wara fuq insistenza tad-Dipartiment tax-Xoghol.

Il-Kumpanija tikkontendi li kecciet l-appellant ghax kien arroganti u gellied mas-superjuri tieghu tul l-impieg u insolenti mal-Managing Director u l-Accountant. L-attitudni negattiva tieghu kienet qed tikkreja tensjoni bejn l-impjegati u tipprezenta lill-pubbliku "image" kuntrarju ghal dak li riedet il-Kumpanija.

It-Tribunal ezamina x-xhieda dwar ir-ragunijiet li tat il-Kumpanija ghat-tkeccija ta' l-appellant u wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

Dwar l-ewwel allegazzjoni ma rrizultax li qatt kien arroganti u gellied mas-superjuri diretti tieghu tul l-impieg. Anzi Oscar Bugeja li kien il-Manager tad-Divizjoni tieghu xehed li l-appellant xogholu kien jghamlu tajjeb u meta kellu bzonnu kkoopera. Xehed ukoll li l-ghada li tkecca l-appellant kien qallu diskors fis-sens li mieghu dejjem hadem sew u hu (l-appellant) dejjem hadem tajjeb. Qallu li jiddispjacih u li kellhom jibqghu hbieb.

L-anqas ma gie ppruvat li kien insolenti mal-Managing Director u l-Accountant. Irrizulta biss li l-Managing Director kien jikkunsidra li l-appellant kien ikun rozz mieghu u minhabba f'hekk kien jiddejjaq imur fil-hanut fejn

kien jahdem dan. Izda qatt ma gibidlu l-attenzjoni dwar l-imgieba jew wissieh biex ibiddel l-attitudni. Fil-kaz ta' l-Accountant kien hemm disgwid fuq hlas dovut lill-appellant u jghid li dan kien aggressiv fit-talba tieghu izda ma daghx jew tkellem hazin. Impjegat iehor li kellu l-istess problema xehed li kien hdejn l-appellant meta dan kellem l-Accountant u li t-ton li uza kien wiehed normali u mhux wiehed ta' glied. La kien pastas u l-anqas arroganti.

Dwar it-tieni allegazzjoni ma rrizultax mix-xhieda li l-appellant kellu attitudni negattiva li kienet qed tikkreja tensjoni bejn l-impjegati tal-Kumpanija. Minbarra Oscar Bugeja u Fabio Pace il-Kumpanija ma tellghet il-hadd jixhed dwar din l-allegazzjoni. Oscar Bugeja xehed li l-appellant kien jahdem tajjeb, dejjem ikkoopera meta kellu bzonnu u bhala karattru ma kellu problemi ta' xejn mieghu. Fabio Pace xehed li kien imur tajjeb hafna ma l-appellant, li dan kien jiehu nteress jghalmu u kien dejjem pront li jghinu, li kienu jiftehmu u qatt ma llitikaw. Qal ukoll li meta diretturi jew superjuri mill-Head Office kienu jmorru l-hanut l-appellant kien imur tajjeb maghhom, jispjegghalhom u qatt ma kien arroganti maghhom quddiemu.

L-anqas ma rrizulta li kienet qed tigi prezentata "image" hazin tal-Kumpanija. Fabio Pace qal li l-appellant kien jaqdi l-klijenti tajjeb hafna, kienu jergghu jmorru u anke baqaw imorru jsaqsu ghalih wara li tkecca.

L-appellant qatt ma gie mwissi verbalment jew bil-miktub fuq xi nuqqas jew biex ibiddel l-allegata attitudni negattiva.

Ghalhekk it-Tribunal isib li ma kienx hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-tkeccija ta' l-appellant. Dan it-Tribunal kemm il-darba ghamel enfasi li tkeccija mill-impieg mghandiex issir jekk ma jkunx hemm ragunijiet serji li jiggustifikaw din il-piena estrema.

Jiddeciedi li l-Kumpanija ghanda thallas l-ammont ta' Lm 300 (tlett mitt lira Maltin) bhala kumpens lill-appellant.

Dan il-pagament ghandu jsir mhux aktar tard mill-15 ta' Dicembru 1998.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona

CHAIRMAN

George Attard

SEGRETARJU